QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Avviz Nru:- 1502/97 DM

Arva Insurance Agency Limited

vs

Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar kif rappresentata mis-sindku Paul Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut nomine sabiex ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm314.78 (tlett mija u erbatax il-lira u tmienja u sebghin centezmu) ammont dovut bhala premiums rigwardanti poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fuq istruzzjonijiet taghhom.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-24 ta' Gunju 1997 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu illi hemm dovuta is-somma ta' Lm314.78 bhala premiums.

2 Illi s-socjeta attrici qed tippretendi li ta' xahar assigurazzjoni tithallas ghoxrin fil-mija (20 o/o) tal-premium annwali ghax qed tallega li din hija l-policy tal-kumpaniji kollha tal-assigurazzjoni mentri fil-fatt dan mhux minnu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3 Illi ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija regolata minn kuntratt miktub u ghalhekk ma tistax issa s-socjeta attrici tohloq unilateralment kondizzjonijiet godda.

4 Illi permezz ta' ittra tal-avukat tal-Kunsill konvenut datata 30 ta' Gunju 1997 il-Kunsill kien offra li jhallas ta' xahar premium, liema offerta giet rifjutata mis-socjeta attrici u ghalhekk l-eccipjent m'ghandhux ibati spejjez ta' din il-kawza.

5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kaz; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta inkontestat illi l-konvenuti kienu assikuraw is-sedi taghhom kontra l-hruq u serq b'polza ta assikurazzjoni mahruga mill-atturi li kienet tiskadi fil-31 ta Marzu 1997.

Billi l-konvenuti kienu ffissaw il-jum ta 15 ta April 1997 bhala d-data li fiha kienu ser jiddeciedu ma min kien ser jassikuraw is-sedi ghal sena b'effett minn dak inhar, kienu, qabel ma skadiet il-polza korrenti, talbu lill-atturi biex jestendu il-kuntratt li kien ser jghalaq fil-31 ta Marzu 1997 ghal zmien limitat ulterjuri biex ikopru ruhhom ghall-perijodu sakemm jiehdu d-decizjoni.

Ghalkemm il-kontendenti ma jaqblux fuq it-terminu preciz ta assikurazzjoni limitata li kienet inghatat jaqblu li meta giet miftehma l-estensjoni tal-assikurazzjoni ma kien sar ebda accenn ghar-rata tal-premium li kellhu jithallas mill-konvenuti.

Infatti il-kontestazzjoni bejn il-kontendenti hija effettivament dwar liema hija ir-rata ta premium applikabbli.

Waqt li l-konvenuti jsosstnu li r-rata kellha tkun l-istess bhal ma kienet miftehma fil-polza originali izda ridotta bl-istess proporzjon tar-riduzzjoni tal-perjodu mis-solita sena u kien ippreparati li jhallsu parti minn tnax (1/12) , cioe' ghax-xahar shih ta April 1997, l-atturi jippretendu li a bazi tal-kundizzjonijiet miftehma fil-polza precedenti u tal-'policy' taghhom ir-rata applikabbli kellha tkun ta 20% tar-rata ta premium ghal sena.

Evidentement, billi ma sar ebda accenn ghal xi rata partikolari meta sar il-ftehim dwar l-estensjoni tal-polza, u l-partijiet digia' kellhom ftehim ta assikurazzjoni korrenti, ir-rata ta premium li logikament wiehed jistennna li ghandhu jhallas ghandha tkun dik li jippretendu l-konvenuti u li hi marbuta fi proporzjon mal-perijodu ta estensjoni bhala parti ta sena skond ir-rata tal-kuntratt korrenti.

Ghalhekk, jekk l-atturi jippretendu li ghall-estensjoni kien hemm xi rata partikolari applikabbli li ma kienetx proporzjonata ghall-perijodu tal-estensjoni, jispetta lilhom li jippruvaw il-ftehim dwar tali rata specjali.

Fid-deposizzjoni tieghu, Brian Valenzia, rappresentant tal-kumpanija attrici, fil-waqt li jaccetta illi l-ewwel darba li nforma lill-konvenuti li kien qed japplika ix-"short period rate" ta 20% kien wara li pprovda l-estensjoni mitluba, jibbaza it-talba attrici fuq il-klawsola 10 tal kundizzjonijiet miftehma fil-polza korrenti.

Ma hemmx kontestazzjoni li d-Dokument BV1 a fol 13 tal-process huwa kopja tal-kundizzjonijiet miftehma, izda il-klawsola 10 ma tghamel ebda riferenza ghall-eventwalita' tal-estensjoni tal-polza oltre z-zmien miftiehem. Il-klawsola 10 tipprospetta biss l-eventwalita ta ***terminazzjoni tal-polza qabel iz-zmien miftiehem*** li hija l-oppost ta'l-estensjoni li anzi jtawwal iz-zmien miftiehem.

Infatti l-istess Brian Valenzia kien verament car meta, wara li spjega li l-polza originali lanqas ma kienet ghal sena (u ma gewx applikati ix-'short term rates'), ddikjara hekk:

> *"Jiena naqbel illi f'dan il-kaz il-kunsill lokali qatt ma ttermina l-polza; kull ma ghamel huwa, illi, minflok irrenova l-polza ghal sena, qabel ma skadiet il-polza korrenti, talab li din tigi estiza xahar iehor".*

Ghalhekk il-ftehim bejn il-kontendenti kien jeskludi xi ftehim gdid dwar xi polza gdida, izda kien jimplika biss illi l-polza originali miftehma fl-ahhar ta'Gunju 1996 ghal 9 xhur sal-31 ta Marzu 1997 kellha tigi estiza ghal 10 xhur sat-30 ta April 1997.

Ghalkemm dak li huwa purament policy interna tal-kumpanija attrici, meta mhux avzat espressament lill-klijenti taghhom, m'ghandhu rilevanza ghal-kaz, lanqas ma jista' jkunu applikabbli ix-'short term insurance rates' murija fid-Dokument BV2 a fol. 15 tal-process. Infatti ma jirrizultax li giet applikata ir-rata indikata fl-iskala murija fid-Dok BV2 meta saret l-assikurazzjoni originali ghall-perijodu ta inqas minn sena u l-estensjoni jew 'extension' miftehma, anke ghal xahar, ma tikkwalifikax la bhala assikurazzjoni gdida u lanqas bhala tigdid jew 'renewal'.

Ghaldaqstant issib illi l-atturi ma waslux ghall-prova minnhom rikjesta u rata applikabbli bhala premium ghall-estensjoni miftehma m'hiex dik ta 20% tal-premium ta sena kif jippretendu l-atturi izda dik ta parti minn tnax (1/12), ekwivalenti ghas-somma ta LM131.158 li l-konvenuti dejjem kienu pronti li jhallsu (v. deposizzjoni ta B. Valenzia).

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-atturi, dak li digia' offrew, is-somma ta mija wiehed u tletin lira, hmistax centezmi u tmin millezmi (LM131.158), bl-imghax legali b'effett mill-lum.

Bl-ispejjes a kariku tal-atturi.

Magt Dr D Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
civil14